MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 290/2005

**Julius Camilleri**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Julius Camilleri, f’ismu personali u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ ATC Plastics Limited, fejn dan, wara li ppremetta illi:

Permezz ta’ ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 2 ta’ Marzu 2005 u debitament notifikata lill-esponenti, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jitlob il-hlas tas-somma ta’ hamest elef, seba’ mija tlieta u erbghin Lira (Lm5,743) rapprezentanti taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta’ stima 1979, 1989, 1992, 1993, 1994 u 1995.

Fl-ewwel lok, l-esponenti jeccepixxi n-nullita' tal-ittra ufficjali in kwistjoni stante illi ma giex indikat in-numru tal-karta ta' identita' tal-istess esponenti, meta din hija mehtiega *ad validatem* fuq kwalunkwe att gudizzjarju.

Minghajr pregudizzju ghal dak sueccepit, l-esponenti qed bil-prezenti joggezzjona ghat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tal-ammont imsemmi, stante illi dan l-ammont mhux dovut, peress illi l-esponenti dejjem hallas dak dovut minnu skond il-Ligi tat-taxxa fuq id-dhul, u ghalhekk ma hemm l-ebda pendenza mal-imsemmi Dipartiment.

Inoltre, l-ammont reklamat huwa fi kwalunkwe kaz preskritt ai termini tal-Artikolu 47 (2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jigi rilevat illi l-esponenti m'ghadux direttur tas-socjeta' ATC Plastics Limited, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni riportata fl-ittra ufficjali datata 2 ta' Marzu 2005, u dan ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li in forza taghha eccepixxa illi:

Fl-ewwel lok, l-esponent jixtieq josserva illi m'huwiex minnu li n-nuqqas tan-numru tal-karta tal-identita' twassal ghan-nullita' ta' att gudizzjarju. In-numru tal-karta tal-identita' huwa mehtieg biss f'kazijiet fejn jista' jkun hemm xi dubju dwar l-identita' tal-persuna destinatarja. F'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed certament jirrikonoxxi lilu nnifsu bhala l-persuna li lilha kienet indirizzata l-ittra ufficjali tal-esponent, u allura kjarament ma tqum ebda possibilita' ta' invalidita' tal-att mibghut mill-esponent.

Inoltre, l-ammonti mitluba huma kollha dovuti skond ma jirrizulta mir-*records* tal-esponent.

Inoltre, il-preskrizzjoni ma tapplika ghall-ebda wahda mis-snin li ghalihom qed jintalab il-hlas. Fil-fatt, skond l-emendi l-godda li saru lill-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u sewwa sew permezz tal-Artikolu 47.4,
"*Meta l-azzjoni msemmija fis-subartikoli (2) u (3) ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d-dispozizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta' dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew penali tista' tittiehed sal-31 ta' Dicembru 2005.*"

Inoltre, il-fatt li l-esponent qed jallega li ma ghadux direttur ta' ATC Plastics ma jfissirx li huwa ma jistax jinstab personalment responsabbli ghall-hlas tat-taxxa dovuta, u dan skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 372.

Inoltre u bla pregudizzju, ir-rikorrent irid jipprova illi huwa m'ghadux direttur tal-kumpanija ATC Limited jekk irid isostni din id-difiza. Jekk dan jirrizulta minnu, xorta ma jimplikax nuqqas min-naha tal-esponent billi jkun ifisser li r-rikorrent ma wettaqx l-obbligu tieghu li jinforma lill-esponent illi huwa m'ghadux direttur tal-kumpanija msemmija. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, l-esponent kellu kull ragun li jiftah il-kawza tieghu kontra r-rikorrent bhala direttur ta' ATC Limited.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-istess Julius Camilleri, li permezz taghha, u filwaqt illi jzomm ferm il-kontestazzjoni 'gia sollevata minnu illi t-talba tal-intimat hija preskritta ai termini tal-Artikolu 47 (2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddikjara ulterjorment illi t-talba hija ukoll preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni.

Ir-rikorrenti f’din il-kawza jorbot l-eccezzjoni sollevata fuq is-subinciz (2) tal-Art. 47 tal-Kap. 372. Dan testwalment jipprovdi illi:

“*... l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista’ tinbeda matul kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva.*”

Madanakollu, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza “Emanuel Zammit vs Kummissarju tat-Taxxi Interni” (deciza fid-29 ta’ Mejju 2009):

“*B’dan il-ftehim inkisret kull preskrizzjoni li setghet ghaddiet, ghax bis-sahha ta’ dan il-ftehim, ir-rikorrent mhux biss accetta l-ammont tal-qliegh tieghu, izda accetta ukoll b’liema rati mensili kellu jhallas il-bilanc ta’ taxxa dovuta.*”

Fil-kaz in ezami, jirrizulta ukoll illi r-rikorrenti kien dahal fi ftehim a tenur tal-Art. 9A tal-Kap. 123 u dan b’referenza ghat-taxxa dovuta ghas-snin bazi 1991, 1992, 1993, 1994 u 1995. Il-ftehim relattiv igib id-data tat-13 ta’ Marzu 1997. Issa, galadarba l-ittra ufficjali giet notifikata lir-rikorrenti odjern fid-9 ta’ Marzu 2005.

Ghaldaqstant, ghal dak li jirrigwarda l-gbir tat-taxxa ghas-snin 1991, 1992, 1993 u 1994, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda. Ghar-rigward tas-snin l-ohra, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinvoka l-provvedimenti tal-Art. 30 (4) u 47 (4) tal-ligi.

F’dan il-kuntest, din il-Qorti taghmel pjena referenza ghall-iskrutinju tal-provvedimenti de quo maghmula mill-Qorti tal-Appell fil-kawza “Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana”, u fid-dawl taghhom tilqa’ l-eccezzjoni

relattivament ghat-taxxa relatata mas-snin ta’ stima 1979 u 1989.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni u tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta ghat-taxxa dovuta ghas-snin 1979 u 1989 u tichadha ghal dak li jirrigwarda s-snin 1992, 1993, 1994 u 1995.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------